**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

Decizjoni Nru. 2174

Kaz Nru: 2948/ ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Jean Paul Schembri

u

Ta' Qali Producers Group

Illum : 20 ta' Settembru, 2012

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

## INTRODUZZJONI

B'dikjarazzjoni pprezentata fir-Registru tal-Qrati Superjuri fl-20 ta' Settembru 2011, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu b'effett mid-29 ta' Mejju 2011 mis-socjeta' ntimata ma saritx ghal raguni gusta, minghajr ma nghatat ebda raguni valida.

Is-Socjeta' ntimata f'risposta taghha ta' 26 ta' Settembru 2011, esponiet u qed issostni li l-impjieg tar-rikorrent gie mitmun fid-29 ta' Mejju 2011 ghal ragunijiet ta' agir impropju quddiem il-klijenti, insubordinazzjoni u abbandun tal-post tax-xoghol. Dan skond is-socjeta' ntimata, sehh wara sensiela ta' warnings sabiex ma jtawwalx ix-xoghol ghal xejn b'xejn bl-intenzjoni qarrieqa li jikkreja sahra a skapitu tal-Group, u li agir bhal dan jigi kkunsidrat u jammonta ghal-serq.

**FATTI**

Is-Socjeta' ntimata mpjegat lir-rikorrent fit-30 ta' Mejju 2010, b'kuntratt definit ghal tnax il-xahar fuq bazi *fulltime* bl'ewwel sitt xhur ikunu fuq *probation*. Il-kuntratt kien gie awtomatikament imgedded sal 25 ta' Mejju 2012. Ix-xoghol tar-rikorrent kien bhala *Delivery/ Packer*.

Is-socjeta' ntimata ddikjarat li hija waslet ghal tkeccija minhabba agir impropju tar-rikorrent quddiem il-klijenti, insubordinazzjoni u abbandun tal-post tax-xoghol u li dan sehh wara sensiela ta' *warnings* sabiex ir-rikorrent ma jtawwalx ix-xoghol ghal xejn b'xejn bl' intenzjoni qarrieqa li jikkreja sahra a skopitu tas-socjeta' u li dan kienet qed tikkonsidrah li jammonta ghal serq. Is-socjeta' ukoll iddikkjarat li tikkonsidra li tiehu passi kriminali kontra r-rikorrent.

Min naha tieghu r-rikorrent iddikjara li nhar id-29 ta' Mejju 2011 gie moghti r-*roster* tieghu bejn is-sitta ta' filghodu sa l-ghaxra ta' filghodu. Kif spicca r-*roster* fl-ghaxra, ir-rikorrent mar javza lis-Sur Hugh Agius, Sales Manager, li spiccalu ir-*roster* u li ghalhekk kien se jitlaq.

Dak il-hin is-Sur Agius qallu li ma setax jitlaq ghax kien ghad baqa' xi xoghol xi jsir minkejja li r-*roster* tar-rikorrent kien spicca. Ir-rikorrent kompla jiddikjara li huwa spjega lis-Sur Agius li kellu appuntament u li ghalkemm dejjem hadem oltre' kif rikjest, dak inhar ma setax joqghod *overtime*.

Ir-rikorrent sostna li ghal dan is-Sur Agius qallu li jew jibqa jahdem jew jitlef l-impjieg. Ir-rikorrent wiegeb li ghal din it-theddida kien se jcempel lis-Sur Peter Axisa, CEO tas-Socjeta ntimata. Dak il-hin is-Sur Agius cempel lis-Sur Axisa bil-mobajl fej qallu li kien ghad fadal xi xoghol li jrid isir u li r-rikorrent ried jitlaq.

Skond ir-rikorrent is-Sur Agius ma spjegax lis-Sur Axisa li r-roster kien spicca. Is-Sur Axisa kellem lir-rikorrent biex jibqa' jahdem u r-rikorrent obda u kompla bix-xoghol li kien fadal wara r-roster tieghu. Gara li meta r-rikorrent kien fuq il-*lifter*, gie is-Sur Agius b'rabja fejn qallu li huwa ghandu jitlaq u biex ma jirritornax lura fuq il-post tax-xoghol. Ir-rikorrent cempel lis-Sur Axisa fejn qallu li s-Sur Agius ma halliehx ikompli jahdem u li keccieh min fuq il-post tax-xoghol. Is-Sur Axisa wiegeb li la s-Sur Agius qallu hekk ma kienx hemm x'taghmel.

**PROVI**

F'dawn il-proceduri xehdu s-Sur Peter Axisa – CEO, is-Sur Hugh Agius – Sales Manager, is-Sinjura Sandra Axisa – Personal Assistant tas-CEO u s-Sur Jean Paul Schembri – ir-rikorrent.

Gew ipprezentati ukoll xi dokumenti.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal f'dan il-kaz ghandu biex jikkunsidra principalment jekk ir-rikorrent kienx negligenti f'xogholu, wera nuqqas ta' dixxiplina u nsubordinazzjoni, rispett lejn is-superjuri tieghu u abbandun tal-post tax-xoghol. It-Tribunal irid minn naha l-ohra jikkunsidra t-trattament tas-socjeta lejn ir-rikorrent ingenerali ukoll vis-a-vis il-kuntratt tax-xoghol u l-ligi.

It-Tribunal ghaldaqstant irid jikkunsidra l-fatti dikjarati u l-provi relattivi li hargu jew setghu hargu mix-xhieda.

It-Tribunal l-ewwel qed jikkunsidra l-punti saljenti tax-xhieda li nghatat.

Hubert Agius, Sales Manager, li lilu kien jirraporta ta' kuljum ir-rikorrent, spjega kif gej, ic-cirkustanzi tat-tkeccija tar-rikorrent. Kien Agius li mpjega lir-rikorrent bhala *salesman* go wiehed mil-hwienet ta' TQPG izda ma marx tajjeb u anke wara talba tar-rikorrent imbidillu xogholu bhala *delivery/packer*. Agius qal li din hija prova ta' kemm TQPG taghti kaz il-haddiema taghha. Agius kompla li r-rikorrent kellu problema personali rigward ossessjoni li jaghmel l-*overtime*. Kienu jargumentaw hafna fuq din u Agius mhux l-ewwel darba li pprova jiftahlu ghajnejh.

Agius kompla li nduna li f'xi drabi l-*overtime* beda jsir ghal xejn u fejn kollegi tar-rikorrent kienu jdumu certu hin biex jaghmlu *delivery*, ir-rikorrent kien idum id-doppju. Agius kien induna b'dan meta r-rikorrent kien bil-*leave* u min mar minfloku dam hafna inqas fuq l-istess rotta. Agius kien kellem minufih lir-rikorrent izda qatt ma wissieh bil-miktub.

Agius kien kellem lir-rikorrent fuq din il-problema erba darbiet biex joqghod attent. L-affarijiet bdew jiggravaw u anke shabu bdew jindunaw. Agius kompla li beda jinnota li r-rikorrent kien jigi ghax xoghol b'tensjoni kbira u anke kien tah numru tat-telefon ta' psikjatra biex jiehu hsieb il-problema. Ir-rikorrent skond Agius kien ammetta li kien ghaddej min fazi hazin f''hajtu. Agius kien anke nkwetat li r-rikorrent seta jwegga fis-sitwazzjoni li kien.

Fil-jum tat-tkeccija li kien il-Hadd ir-rikorrent mar fuq Agius fid-09.30a.m., u qallu li fl-10.00a.m., kien se jitlaq. Agius spjega li l-prassi tax-xoghol kienet li l-haddiema jitilqu x'hin ilestu u dak in-nhar kien ghad fadal hafna xoghol xi jsir wara l-10.00a.m. Ir-rikorrent aggixxa b'insubordinazzjoni quddiem diversi klijenti u haddiema fil-konfront ta' Agius.

Skond Agius, ir-rikorrent qallu "int min int biex lili tghidli f'xi hin nitlaq jew fi x'hin ma nitlaqx".

Dan qalu b'ghajjat u dan ma kienx accettabbli. Agius qallu biex imur id-dar u mbaghad nitkellmu. Fil-fatt, ir-rikorrent rega mar lura ma persuna ohra biex jiskuza ruhu. Din l-iskuza tidher li ma gietx accettata min Agius ghax Agius ta' l-inqas stenna li r-rikorrent jiskuza ruhu quddiem kulhadd u mhux ma persuna ohra biss. Agius qal li rikorrent beda jibki ghax induna li zbalja imma kien tard wisq.

Fil-kontro-ezami ta' Agius irrizulta li dak in-nhar ta' l-incident, Agius kien cempel lis CEO, is-Sur Peter Axisa quddiem ir-rikorrent fuq il-mobajl u li Agius kien ghadda lil Axisa biex ikellem lir-rikorrent. Agius sostna li ma jafx x'kien intqal bejn Axisa u r-rikorrent. Agius izda ikkonferma li kien diga qal lir-rikorrent biex jitlaq min fuq il-post tax-xoghol.

Xehed is-Sur Peter Axisa, CEO ta TQPG. Axisa spjega li ma kellux x'jaqsam fuq xoghol direttament mar-rikorrent izda sostna li kien hemm relazzjoni ta' xoghol tajba hafna. Kien sema' fuq il-problema tar-rikorrent. Kompla jghid li x-xoghol involut huwa ta natura differenti min ta' fabbrika. Ma tistax tippjana sieghat ezatt ta' xoghol imma skond l-esigenzi. Kompla li dak in-nhar tat-tkeccija kienet cirkostanza fejn kien jinhtieg li r-rikorrent jibqa xoghol. Ikkonferma li kien cempillu u qalli "Hemm min jikkmanda int (Axisa) jew hu (Agius)?.

Axisa qallu "din xi trid tghid biha?". Axisa qallu li Agius huwa l-Manager tieghu. Axisa qal li r-rikorrent kien diga cempillu u Axisa qallu li ma kienx se jmur kontra l-kelma tal-Manager tieghu. " Dak qieghed hemm biex jara l-affarijiet kif imorru u jekk hu kecciek jiddispjacini hafna". Axisa sostna li r-rikorrent kien ossesjonat li jtella l-overtime kemm jiflah. Darba nzertah hu stess meta gie lura mid-*delivery* fit-15.30p.m., u dam ma telaq apposta sal-16.00p.m. Axisa kompla li hareg car li r-rikorrent kien idum aktar bid-*deliveries* apposta biex itella l-*overtime* b'medja ta' 50%. Din ovvjament kienet qed tinkwieta hafna lil Management.

Fil kontra-ezami, s-Sur Axisa kkonferma li meta kellem lir-rikorrent mil-mobajl tas-Sur Agius dan qallu "jien x'nista naghmillek, jekk kecciek, kecciek". Axisa ukoll ikkonferma kemm hadha bi kbira meta r-rikorrent gir lura mid-*deliveries* fit-15.30p.m. u dam sa' 16.00p.m. jitlajja biex izid ma' l-*overtime*. Axisa kompla li kien ta' *performance bonus* lir-rikorrent biex jimmotivah u jigbdu iktar lejn il-Group. Il-bonus kien generalment jinghata skond il-*performance* globali tal-Group mhux individwalment. Axisa sostna li l-group prova minn kolox biex lir-rikorrent "naghmluh bniedem kif ghandu jkun". Axisa qal ukoll li kemm il-darba nnota kemm ir-rikorrent kien idum hafna aktar minn haddiehor fid-*deliveries* u l-ossessjoni li kellu biex izid l-*overime*.

Xehdet ukoll is-Sinjura Sandra Axisa – *Personal Assistant to the CEO*. Axisa kienet inkarigata li tiehu hsieb ir-*rosters*, pagi, *accounts* u *Sales* principalment. Fuq ir-rikorrent Axisa qalet li ma kienx jiehu gost meta ikun hemm tibdil fir-*roster* minhabba ezigenzi ta' xoghol. Hu kien qallha li kellu *part-time*. Axisa kienet tavza lil kulhadd li r-*roster* ikun suggett ghal tibdil. Normalment ir-*roster* jinghata gimgha qabel imma xorta jkun suggett ghal tibdil u dan kulhadd kien jafu. Axisa kkonfermat, minhabba n-natura tax-xoghol, li xi drabi l-haddiema kienu jigu mitluba joqghodu *overtime*.

Ix-xoghol tal-Group jinvolvi ikel u haxix allura l-ezigenzi partikolari jkunu ta' spiss. Axisa fakkret f' incident iehor bejn is-Sur Agius u r-rikorrent fejn sar hafna ghajjat minhabba nuqqas ta' koperazzjoni mir-rikorrent rigward il-*warehouse*. Axisa kkonfermat li dak inhar ukoll ma kienx hareg xi *warning*.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit li kien jikkonsisti f'dawn il-punti saljenti bid-data ta' 17 ta' April 2012. Ir-rikorrent ikkonferma li dak inhar tat-tkeccija kien xoghol sa' 10.00am u kif kien se jitlaq is-Sur Agius gie fuqu u qallu biex jibqa' xoghol. Ir-rikorrent qallu li ma setax ghax kellu appuntament. Agius insista biex jibqa. Ir-rikorrent tenna li hu dejjem hadem *overtime* meta l-kumpanija kellha bzonn. Agius qallu li la ma kienx se jibqa xoghol huwa jista jmur u ma jigix lura.

Ir-rikorrent qallu li bhala Sales Manager ma kellux il-kompetenza li jkeccieh izda kien biss is-Sur Axisa, CEO, li setgha jaghmel dan.  Ir-rikorrent prova jcempel lis-CEO izda ma qabdux. Ftit wara  Agius qallu li se jcempel lis-CEO u jghidlu li ir-rikorrent kien qallu (lil Agius) li hu mhu xejn.  Ir-rikorrent bl-avvidafit innega li qal da il-kliem lil Agius.  Meta Agius cempel lis-CEO ir-rikorrent kellmu mil-mowbajl ta' Agius u c-CEO beda jghajjat mieghu biex la kien hemm ix-xoghol ried jibqa u jobdi lil Agius.

Wara din it-telefonata r-rikorrent kompla bix-xoghol.   Waqt li r-rikorrent kompla b'xogholu Aguis mar fuqu u qallu li la kien qallu biex jitlaq, irid jitlaq u ma jergax jigi u dan minkejja li Axisa qallu biex ikompli.  Agius,  skond ir-rikorrent kien irrabjat hafna u ppunta subajh lejn ir-rikorrent u qallu " La darba tiffakja mieghi imbaghad daqshekk".  Meta r-rikorrent cempel lis-CEO mil-karozza dan qallu li la Agius baghtek m'hemmx x'taghmel.

Fil-kontro-ezami tar-rikorrent hareg li ma kienx hemm procedura ta' approvazzjoni ta' *overtime* u li l-impjegati kienu jibqghu ghaddejjin bix-xoghol sakemm olestu anke jekk parti tkun *overtime*.

Fit-trattazzjoni s-socjeta spjegat li l-problemi bdew f'gheluq is-sena ta' mpjieg tar-rikorrent meta pjana biex jigi mkecci u beda jirrifjuta l-*overtime*.  Qabel qatt ma ghamel dan, anzi qabel kien jaghmel *overtime* meta ma kienx hemm ghalfejn.  Dr. Borg, ghar-rikorrent, fit-trattazzjoni nnega li kien hemm xi pjan u semma kif fix-xhieda s-CEO stqarr li l-incident kien wiehed izolat ghax ir-rikorrent kien dejjem jibqa ghal *overtime*.  Semma ukollli r-rikorrent qatt ma nghata *warning* u anke kien inghata *performance bonus*.

Dan permess, it-Tribunal jikkonsidra li:

It-Tribunal jinnota nuqqassijiet serji procedurali minn naha tas-Socjeta' ntimata rigward sistemi ta' tmexxija mil-lat ta' rizorsi umani b'mod specjali fejn jidhlu relazzjonijiet industrijali, f'dan il-kaz direttament ma' l-impjegat.  Dawn irrizultaw  fi provi daghjfa hafna rigward l-abbuzi tar-rikorrent imsemmija fix-xhieda.  Jidher ukoll li s-socjeta' ma tipprattikax kodici professjonali ta' dixxiplina li kieku eziztenti,  setghu waslu l-kumpanija tilhaq l-ghanijiet taghha anke b'possibilta' li kien jigi evitat dan it-Tribunal.   Minn naha l-ohra t-Tribunal jifhem li s-socjeta setghet fil-verita kienet hanina mar-rikorrent u l-impjieg u b'mod genwin izda ma tistax tittratta incident rigward overtime b'tali mod u tmur ghal tkeccija.

Mix-xhieda r-rikorrent jidher li naqas ferm fl-imgieba tieghu lejn is-Socjeta' rigward allegat qerq u rispett lejn is-superjuri tieghu, izda t-Tribunal ghal darba ohra jtenni nuqqas ta' proceduri dixxiplinarji u ghaldaqstant ta' provi konkreti ta' tkeccija gusta u cara.

**Decizjoni**

Mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha, d-dokumenti esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal qed jiddeciedi li t-tkeccija kienet wahda ngusta u li hemm lok li r-rikorrent jinghata kumpens.

Dan il-kumpens qed jigi stabbilit fl-ammont ta' elfejn Euro (€2,000), liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta' ntimata lir-rikorrent fi zmien xahar mid-data ta'din id-decizjoni.

Ghal-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffisati fl-ammont ta' tlieta u disghin euro u s-sbatax il-centezmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat : **Edmund Tabone**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**Ghas-SEGRETARJU**